MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Numru 8/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs.**

**Hamza Muhammed Eltroug**

**Illum 14 ta’ Frar, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Hamza Muhammed Eltroug ta’ 27 sena, mwieled Libya Tripoli nhar il-16 ta’ Frar 1978 bin Mustafa u Hadiga nee` Muhammed residenti Flat 6 Mark Flats Triq Pinto Qormi detentur ta’ Passaport Nru. 959687.98, gie akkuzat talli:

Nhar it-02 ta’ Jannar 2005 gewwa Is-Swieqi ghall-habta ta’ 8.30pm fi triq Is-Swieqi Swieqi, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa ikkommetta serq ta flus, u accessorji liem valur ta dawn oggetti ma jeccedix il-hamsin lira Maltin izda jeccedi l-Ghaxar Liri Maltin a detriment ta’ Maria Alison Cassar minn-Birkirkara, liema serq u ikkwalifikat bil-Vjolenza u bil-hin u dan ai terminu tal-artikoli 261, 262 u 270, tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, lok u that l-istess cirkostanzi b’nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew il-professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna hsara fuq il-vettura CAO639 tal-ghamla Mazda ghad-dannu ta’ Kevin Vella mill-Marsa u dan ai terminu tal-artikolu 328 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta

Talli b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda fi zmenijiet u bnadi differenti ghamel uzu min Vettura tal-Ghamla hyundai bin-numru tar-registrazzjoni KAI375 bejn it-30 ta’ Novembru 2004 u it-2 ta’ Jannar 2005 saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv u dan bi ksur tal-artikolu 127 Tal MVR

Talli that l-istess cirkostanzi postijiet dati u hinijiet saq Vettura KAI375 b’manjiera traskurata u perikoluza u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) (2) tal-MVr kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta

Talli that l-istess cirkostanzi postijiet dati u hinijiet saq Vettura KAI375 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mid-direttur Tal-licenzju u dan bi ksur tal-artikolu Sec 15(1)(a), (2) (3) tal-kapitoli 65 tal-ligijiet ta’ Malta

Talli that l-istess cirkostanzi postijiet dati u hinijiet saq Vettura KAI375 minghajr ma kien kopert b’polza ta l-assigurazzjoni ghall-riskju fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 kapitoli 104 tal-ligijiet ta’ Malta.

Talli that l-istess cirkostanzi postijiet dati u hinijiet saq Vettura KAI375 minghajr ma kienet koperta b’licenzja kurrenti sabiex tinsaq fit-toroq mahruga mid-direttur tal-

licenzji u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a), (2)(3) tal-kapitoli 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna il-konfiska tal-vettura KAI375 billi hija parti mill-ghodda uzata sabiex jigi kommess reat u dan jirrendi l-istess vetura bhala corpus delicti u dan ai terminu tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok TMP1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni qeghdha tirtira l-hames akkuza stante li minn verifiki li ghamlet jirrizulta li l-imputat kien debitament licenzjat fic-cirkostanzi, postijiet, dakinhar u hinijiet applikabbli ghal din l-akkuza u inoltre l-Prosekuzzjoni qeghdha tirtira t-talba taghha li f'kaz ta' htija l-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura KAI 375, liema talba giet maghmula ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li minn verifiki li ghamlet jirrizulta li din il-vettura mhix soggetta ghall-konfiska ghaliex tappartjeni lil terzi persuni li ma kellhomx kontroll fuq l-imputat meta kkommetta r-reat.

Innutat li fis-Seduta tal-lum l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum il-Prosekuzzjoni iddikjarat li hi konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut rigward it-tieni akkuza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(a) u (f), 262, 270, 276, 281(a), 328(d) u 18 tal-Kap 9, Regolament 127 ta’ l-Avviz Legali 128 ta’ l-1994, l-art. 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kap 65 u l-art. 3(1) u 3(2) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In kwantu ghall-hames akkuza tali akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u in kwantu ghall-akkuzi l-ohra kollha issib lill-imputat Hamza Muhammed Eltroug, fuq ammissjoni, hati ta’ tali akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum il-Prosekuzzjoni iddikjarat li hi konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut rigward it-tieni akkuza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Hamza Muhammed Eltroug ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u elf u mitejn Liri Maltin (Lm1200) multa u tordna li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum l-imputat Hamza Muhammed Eltroug jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Hamza Muhammed Eltroug milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

In kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li f’kaz ta’ htija l-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura KAI 375, liema talba giet maghmula ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tali talba giet irtirata mill-Prosekuzzjoni kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Hamza Muhammed Eltroug l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------